**15 ta' Mejju, 1963**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

Alfred Cassano

*versus*

Violet Cassano

**Tfal minuri — Kura ta' — Patria potesta — Missier — Azzjoni għar-ritorn tat — Separazzjoni personali — Pendenza ta'**

*Il-missier għandu d-dritt jitlob ir-ritorn tat-tfal minuri li l-omm tkun ħadet magħha meta telqet mid-dar. Il-Qorti ma għandiex dritt li tagħti provvedimenti diversi minn dan ħlief fil-pendenza ta' kawża għas-separazzjoni personali.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur wara li jippremetti illi f'Novembru, 1962, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali u abusivament u mingħajr il-kunsens tiegħu ħadet magħha t-tifla tiegħu minuri Christine biex tgħix għand il-familja tagħha u qed tirrifjuta li tirritornaha għandu, u illi l-

aġir tal-konvenuta *huwa kuntrarju għad-dritt tal-patria potestà* tiegħu fuq l-imsemmija tifla minuri:— jitlob illi, premessi d-dikjarazzjonijiet kollha opportuni, il-konvenuta għar-raġunijiet fuq imsemmija tiġi kkundannata tirritornalu t-tifla minuri Christine fi żmien qasir u perentorju taħt dawk il-provvedimenti li jgħoġobha tagħti l-Qorti; bl-ispejjeż;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuta li biha tesponi illi t-talba ta' l-attur għandha tiġi miċħuda (1) għaliex f'idejn l-attur il-kura ta' l-imsemmija minuri tkun preġudikata; (2) għaliex hi introduċiet quddiem il-Qorti kompetenti l-proċedura għas-separazzjoni personali minn żewġha u għalhekk il-kura ta' l-imsemmija minuri tikkompeti lill-Qorti għa dak *li huwa l-aħjar interess tat-tifla. B'riserva ta' eċċezzjonijiet* oħra;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur u dik tal-konvenuta;

*Semgħat lix-xhieda:*

Eżaminat l-atti l-oħra tal-kawża u dawk tal-kawżi li sejissemmew li għalihom saret riferenza;

Ikkunsidrat:—

Illi jirriżulta li f'Novembru, 1962, il-konvenuta abbandunat *id-dar ta' l-attur żewġha u ħadet magħha waħda mit-tlitt* itfal tagħha u ta' żewġha, ċioè t-tifla Christine, li hija minuri, mingħajr il-kunsens ta' l-attur missierha, u li l-konvenuta rrifjutat li tirritorna din it-tifla lill-attur meta dan irrikjeda li tikkonsenjahielu. L-attur qiegħed jitlob li l-konvenuta tiġi kkundannata tirritornalu lill-imsemmija bintu Christine. Il-konvenuta topponi din it-talba għar-raġunijiet indikati minnha fin-nota ta' eċċezzjonijiet;

Illi konformament mal-prinċipji enunċjati mill-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna (Vol. XXXVI, i, 179, 212), id-domanda ta' l-attur hija ġustifikata u kwindi tiġi akkolta. Mhux f'kontestazzjoni li t-tifla Christine, li hija minuri, hija bint l-attur, u bħala tali li hija soġġetta għall-*patria potestà ta' l-attur missierha* billi ma jirriżultax li din il-patria potestà spiċċat, u dan għaliex it-tfal leġittimi huma soġġetti għall-patria potestà ta' missierhom; u l-konvenuta, bħala omm l-istess tifla, mhiex *investita mill-liġi b'ebda attribut ta' patria potestà fuq it-tifla* msemmija Il-kontendenti huma separati "*de facto*" u l-konvenuta ġia intentat żewġ kawżi kontra l-attur żewġha, it-tnejn għall-alimenti, li ġew deċiżi minn dina l-Qorti, waħda fis-7 ta' Novembru, 1962, u l-oħra fid-9 ta' Frar, 1963, fl-ewwel waħda li biha l-konvenuta talbet l-alimenti għaliha u t-tlett uliedha u wlied l-attur, hi baqgħet sokkombenti; l-oħra, li biha l-konvenuta talbet l-alimenti għaliha u għat-tifla Christine, għadha pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, billi l-attur *interpona appell mid-deċiżjoni fiha mogħtija minn dina l-Qorti.* Il-liġi ma tirrikonoxxix is-separazzjoni "de facto", u għalhekk meta l-miżżewġin ikunu hekk separati bħalma huma separati l-kontendenti, ma hemmx lok għal ebda provvediment rigward it-tfal. Effettivament, fis-sentenza mogħtija fit-tieni kawża *msemmija dina l-Qorti irriteniet sempliċement li l-konvenuta* kellha għaliex tħalli d-dar konjugali, mingħajr ma tat ebda provvediment dwar it-tifla Christine. Provvediment simili jingħata fil-każ ta' pendenza jew deċiżjoni tal-kawża ta' separazzjoni personali. *meta l-Qorti tipprovedi fl-interess tat-tfal* dwar il-kura u l-kustodja tagħhom. *Il-konvenuta tallega li* intentat kawża ta' separazzjoni personali kontra żewġha; imma fil-fatt ma jirriżultax li għamlet dan, għaliex kif xehdet, hi merament taf li l-avukat tagħha avanza domanda quddiem il-Qorti kompetenti, wara li ġiet notifikata biċ-ċitazzjoni fil-kawża odjerna, biex tiġi *tawtorizzata tintenta* l-istess kawża kwindi

attwalment ma hemm pendenti ebda kawża ta' separazzjoni personali bejn il-kontendenti. Xejn ma jiswa li l-konvenuta intentat azzjoni kontra l-attur għall-alimenti, li kif ingħad tinsab pendenti in sede ta' appell; għaliex il-mara li tabbanduna d-dar konjugali u tieħu magħha t-tfal, hija obbligata tirrestitwixxi dawn it-tfal lil żewġha, mingħajr ma għandu jitqies, fl-azzjoni li r-raġel jagħmel kontra tagħha għal dik ir-restituzzjoni, jekk hi kellix ġusta kawża biex tħalli d-dar ta' żewġha, billi azzjoni simili ma għandiex tiġi konfuża ma' l-azzjoni tal-mara li tfittex lir-raġel għall-alimenti a parti mill-ġudizzju tas-separazzjoni;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tiddeċiedi adeżivament għad-domanda ta' l-attur, billi tikkundanna lill-konvenuta biex fi żmien perentorju ta' erbgħa u għoxrin (24) siegħa tirritornalu t-tifla minuri Christine; u f'każ li l-konvenuta tonqos li tagħmel hekk fiż-żmien prefiss, tawtorizza lill-attur jinqeda bl-assistenza tal-Marixxal ta' dawna l-Qrati, li jiġi awtorizzat li, bil-mezzi kollha li tagħtih il-liġi, jeħu mill-poter tal-konvenuta l-imsemmija tifla Christine u jikkonsenjaha lill-attur. L-ispejjeż tħallashom il-konvenuta.